SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

4 ta' Ottubru 2024*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Konfiska ta' rikavat, ta' mezzi strumentali u ta' proprjetà marbuta mal-kriminalità – Deċiżjoni Qafas 2005/212/ĠAI – Direttiva 2014/42/UE – Kamp ta' applikazzjoni – Proċeduri kriminali nazzjonali li jistgħu jwasslu għal konfiska ta' proprjetà akkwistata illegalment – Assenza ta' konstatazzjoni ta' reat kriminali – Konfiska mingħajr kundanna – Raġunijiet minbarra l-mard jew il-ħarba"

Fil-Kawżi magħquda C-767/22, C-49/23 u C-161/23,

li għandha bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mil-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Latvja), permezz ta' deċiżjonijiet tat-8 ta' Diċembru 2022, tal-31 ta' Jannar u tal-14 ta' Marzu 2023, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja, rispettivament, fit-12 ta' Diċembru 2022, l-1 ta' Frar u fis-16 ta' Marzu 2023, fil-proċeduri

1Dream OÜ,

DS,

DL,

VS,

JG (C-767/22)

AZ,

1Dream OÜ,

Produktech Engineering AG,

BBP,

Polaris Consulting Ltd (C-49/23)

VL,

ZS,

* Lingwa tal-kawża: il-Litwan.

Lireva Investments LTD,

VI,

FORTRESS FINANCE Inc. (C-161/23),

fil-preżenza ta':

Latvijas Republikas Saeima

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Awla, L. Bay Larsen (Relatur), Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, T. von Danwitz, A. Kumin u I. Ziemele, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Pikamäe,

Reġistratur: I. Illéssy u S. Spyropoulos, Amministraturi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-15 ta' April 2024,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal 1Dream OÜ, minn S. Bērtaitis, advokāts,

– għal VS, DL, DS, minn A. Jaunzars, advokāts,

– għal JG, minn I. Nikuļceva u A Voroņko, advokāti,

– għal AZ, minn R. Valdemārs, advokāts,

– għal Produktech Engineering AG, minn T. Krūmiņš u L. Liepa, advokāti,

– għal BBP, minn A. Rasa, advokāts,

– għal Polaris Consulting Ltd, minn A. Liepiņš, advokāts,

– għal VL, minn L. Lielbriede, advokāta palīdze, S. Oborenko u E. Rusanovs, advokāti,

– għal ZS, minn A. Ņikiforovs, jurists,

– għal Lireva Investments LTD, minn A. Rasa, advokāts,

– għal VI, minn D. Siliņa, advokāte,

– għal FORTRESS FINANCE Inc., minn L. Baltiņa, advokāta palīdze,

– għall-Gvern Latvjan, minn J. Davidoviča, K. Pommere u S. Zābele, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, T. Suchá u J. Vláčil, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn I. Naglis, I. Rubene, M. Wasmeier u I. Zaloguin, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar' il quddiem il-"Karta"), tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/212/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità (ĠU 2006, L 159M, p. 223), tad-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (ĠU 2014, L 127, p. 39, rettifika fil-ĠU 2014, L 138, p. 114), u tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni.

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' rikorsi kostituzzjonali ppreżentati minn 1Dream OÜ, DS, DL, VS, JG (C-767/22), AZ, 1Dream, Produktech Engineering AG, BBP, Polaris Consulting Ltd (C-49/23), VL, ZS, Lireva Investments LTD, VI u FORTRESS FINANCE Inc. (C-161/23), dwar il-kostituzzjonalità ta' dispożizzjonijiet nazzjonali dwar proċedura ta' konfiska tal-proprjetà.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Deċiżjoni Qafas 2005/212

3 L-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2005/212 jipprevedi:

"Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex ikun jista' jikkonfiska, kompletament jew parzjalment, mezzi strumentali u rikavati ta' reati kriminali punibbli bi priġunerija għal żmien ta' iżjed minn sena, jew bil-privazzjoni ta' proprjetà ta' valur korrispondenti għal tali rikavati."

Id-Direttiva 2014/42

4 Il-premessi 5, 15, 16, 34 u 22 tad-Direttiva 2014/42 jistabbilixxu:

"(5) L-adozzjoni ta' regoli minimi ser tqarreb iktar is-sistemi ta' ffriżar u ta' konfiska tal-Istati Membri, u b'hekk tiffaċilita l-fiduċja reċiproka u l-kooperazzjoni transkonfinali effettiva.

[…]

(15) Għandu jkun possibbli li jiġu kkonfiskati l-mezzi strumentali u r-rikavat ta' kriminalità, jew il-proprjetà li l-valur tagħha jkun ekwivalenti għal tali mezzi strumentali jew rikavat mill-kriminalità, soġġett għal kundanna definittiva għal reat kriminali. Tali kundanna definittiva tista' tirriżulta wkoll minn proċedimenti *in absentia*. Meta ma jkunx possibbli li ssir konfiska abbażi ta' kundanna definittiva, madankollu f'ċerti ċirkostanzi għandu jibqa' jkun possibbli li jiġu kkonfiskati l-mezzi strumentali u r-rikavat, tal-inqas f'każijiet ta' mard jew ħarba tal-persuna suspettata jew akkużata. Madankollu, f'tali każijiet ta' mard jew ħarba, l-eżistenza ta' proċedimenti *in absentia* fi Stati Membri tkun biżżejjed biex ikun hemm konformità ma' dan l-obbligu. Meta l-persuna suspettata jew akkużata tkun ħarbet, lIstati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha raġonevoli u jistgħu jirrikjedu li l-persuna kkonċernata titħarrek jew tiġi infurmata bil-proċedimenti ta' konfiska.

(16) Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, mard għandu jinftiehem bħala l-inkapaċità tal-persuna suspettata jew akkużata li tattendi l-proċedimenti kriminali għal perijodu ta' żmien itwal, u li minħabba f'hekk il-proċedimenti ma jkunux jistgħu jitkomplew f'ċirkostanzi normali. Il-persuni suspettati jew akkużati jistgħu jintalbu jagħtu prova tal-mard, pereżempju permezz ta' ċertifikat mediku, li l-qorti għandha tkun tista' tinjora jekk hija tqis li ma jkunx sodisfaċenti. Ma għandux ikun affettwat id-dritt ta' dik il-persuna li tkun rappreżentata minn avukat fil-proċedimenti.

[…]

(21) Il-konfiska estiża għandha tkun possibbli meta l-qorti tkun sodisfatta li l-proprjetà inkwistjoni tkun irriżultat minn imġiba kriminali. Dan ma jfissirx li għandu jiġi stabbilit li l-proprjetà inkwistjoni tkun irriżultat minn imġiba kriminali. L-Istati Membri jistgħu jistipulaw li, pereżempju, ikun biżżejjed li l-qorti tikkunsidra fuq il-bilanċ talprobabbiltajiet jew tippreżumi b'mod raġonevoli li jkun sostanzjalment aktar probabbli li l-proprjetà inkwistjoni tkun inkisbet minn imġiba kriminali milli minn attivitajiet oħra. F'dan il-kuntest, il-qorti għandha tqis iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, inklużi l-fatti u l-evidenza disponibbli li abbażi tagħhom tkun tista' tittieħed deċiżjoni dwar ilkonfiska estiża. Il-fatt li l-proprjetà tal-persuna tkun sproporzjonata mad-dħul legali tagħha jista' jkun fost dawk ilfatti li jwasslu għal konklużjoni mill-qorti li l-proprjetà tkun ġejja minn imġiba kriminali. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu wkoll rekwiżit għal ċertu perijodu ta' żmien li fih il-proprjetà tista' titqies li tkun oriġinat minn imġiba kriminali.

(22) Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi. Ma żżommx lill-Istati Membri milli jipprevedu setgħat aktar estensivi fil-liġi nazzjonali tagħhom, inkluż, pereżempju, fir-rigward tar-regoli tagħhom dwar l-evidenza."

5 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva jipprevedi:

"1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar l-iffriżar tal-proprjetà fid-dawl tal-possibbiltà li tiġi kkonfiskata sussegwentement u dwar il-konfiska tal-proprjetà f'materji kriminali.

2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-proċeduri li l-Istati Membri jistgħu jużaw biex jikkonfiskaw il-proprjetà inkwistjoni."

6 L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva jippreċiża:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1) 'rikavat' tfisser kwalunkwe vantaġġ ekonomiku li jirriżulta, direttament jew indirettament minn reat kriminali; dan jista' jikkonsisti minn kwalunkwe forma ta' proprjetà u jinkludi kwalunkwe investiment mill-ġdid jew kwalunkwe trasformazzjoni li jsiru sussegwentement ta' rikavat dirett u kwalunkwe benefiċċju ta' valur;

2) 'proprjetà' tfisser proprjetà ta' kwalunkwe deskrizzjoni, kemm jekk materjali kif ukoll jekk immaterjali, mobbli jew immobbli u d-dokumenti jew l-istrumenti legali li jixhdu dritt jew interess fi proprjetà bħal din;

3) 'mezzi strumentali' tfisser kwalunkwe proprjetà użata jew maħsuba biex tintuża, bi kwalunkwe mod, kompletament jew parzjalment, biex jitwettaq reat kriminali jew biex jitwettqu reati kriminali;

4) 'konfiska' tfisser ċaħda definittiva minn proprjetà ordnata minn qorti fir-rigward ta' reat kriminali;

[…]

6) 'reat kriminali' tfisser reat kopert minn kwalunkwe strument elenkat fl-Artikolu 3."

7 L-Artikolu 4 tal-istess direttiva, intitolat "Konfiska", jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jikkonfiskaw, kompletament jew parzjalment, il-mezzi strumentali u r-rikavat jew il-proprjetà li l-valur tagħha jkun ekwivalenti għal tali mezzi strumentali jew rikavat, soġġett għal kundanna definittiva għal reat kriminali, li tista' wkoll tirriżulta minn proċedimenti *in absentia*.

2. Meta l-konfiska abbażi tal-paragrafu 1 ma tkunx possibbli, tal-inqas fejn din l-impossibbiltà tkun ir-riżultat ta' mard jew ħarba tal-persuna suspettata jew akkużata, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu jistgħu jikkonfiskaw il-mezzi strumentali u r-rikavat f'każijiet fejn ikunu nbdew il-proċedimenti kriminali fir-rigward ta' reat kriminali li jista' jwassal, direttament jew indirettament, għal benefiċċju ekonomiku, u tali proċedimenti setgħu wasslu għal kundanna kriminali jekk il-persuna suspettata jew akkużata setgħet titressaq quddiem il-qorti."

8 L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/42, intitolat "Konfiska estiża" jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jikkonfiskaw, kompletament jew parzjalment, il-proprjetà li tappartjeni lil persuna li tkun instabet ħatja ta' reat kriminali li jista' joħloq, direttament jew indirettament, benefiċċju ekonomiku, fejn qorti abbażi taċ-ċirkostanzi tal-każ, inklużi l-fatti speċifiċi u l-evidenza disponibbli, bħal li l-valur tal-proprjetà jkun sproporzjonat meta mqabbel mad-dħul legali tal-persuna li tinstab ħatja, tkun sodisfatta li l-proprjetà inkwistjoni nkisbet minn imġiba kriminali."

9 L-Artikolu 6 ta' din id-direttiva, intitolat "Konfiska fir-rigward ta' parti terza", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu jistgħu jikkonfiskaw ir-rikavat, jew proprjetà oħra li l-valur tagħha jkun ekwivalenti għar-rikavat, li, direttament jew indirettament, tkun ġiet ittrasferita minn persuna suspettata jew akkużata lil partijiet terzi, jew li tkun ġiet akkwistata minn partijiet terzi mingħand il-persuna suspettata jew akkużata, tal-inqas jekk dawk il-partijiet terzi kienu jafu jew suppost li kienu jafu li l-għan tat-trasferiment jew tal-akkwist kien biex tiġi evitata l-konfiska, abbażi ta' fatti u ċirkostanzi konkreti, inkluż li t-trasferiment jew l-akkwist sar mingħajr ħlas jew għal ammont ferm aktar baxx mill-valur fis-suq."

10 L-Artikolu 8(1) u (8) tal-imsemmija direttiva jipprovdi li:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni affettwati mill-miżuri previsti skont din id-Direttiva jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust sabiex jitħarsu d-drittijiet tagħhom.

[…]

8. Fil-proċedimenti msemmija fl-Artikolu 5, il-persuna affettwata għandu jkollha l-possibbiltà effettiva li tikkontesta ċċirkostanzi tal-każ, inklużi fatti speċifiċi u l-evidenza disponibbli li abbażi tagħhom il-proprjetà kkonċernata titqies bħala proprjetà li tkun rikavata minn imġiba kriminali."

11 L-Artikolu 14(1) tal-istess direttiva jippreċiża:

"[L]-ewwel erba' inċiżi tal-Artikolu 1 u l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni [Qafas] [2005/212], huma sostitwiti b'din id-Direttiva għall-Istati Membri marbuta minn din id-Direttiva […]"

Ir-Regolament (UE) 2018/1805

12 Il-premessa 13 tar-Regolament (UE) 2018/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska (ĠU 2018, L 303, p. 1) tipprovdi:

"Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-ordnijiet ta' ffriżar kollha u l-ordnijiet ta' konfiska kollha maħruġa fil-qafas ta' proċedimenti f'materji kriminali. 'Proċedimenti f'materji kriminali' huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni li ġie interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, minkejja l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. It-terminu b'hekk ikopri t-tipi kollha ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska maħruġa wara proċedimenti b'rabta ma' reat kriminali, mhux biss l-ordnijiet koperti mid-Direttiva 2014/42/UE. Ikopri wkoll tipi oħra ta' ordnijiet maħruġa mingħajr kundanna finali. […]"

Id-dritt Latvjan

13 L-ewwel u t-tieni sentenza tal-Artikolu 92 tal-Latvijas Republikas Satversme (il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Latvja, iktar 'il quddiem il-"Kostituzzjoni Latvjana") jipprovdi:

"Kull persuna għandha d-dritt li tinvoka d-drittijiet tagħha u l-interessi leġittimi tagħha quddiem qorti imparzjali. Kull persuna għandha titqies innoċenti sakemm il-ħtija tagħha tiġi stabbilita konformement mal-liġi."

14 L-Artikolu 124(6) tal-Kriminālprocesa likums (il-Liġi dwar il-Proċeduri Kriminali), tal-21 ta' April 2005 (*Latvijas Vēstnesis*, 2005, Nru 74), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Proċeduri Kriminali"), jistabbilixxi li, fil-proċeduri kriminali u fil-proċeduri fil-qasam tal-proprjetà akkwistata illegalment, il-provi dwar l-oriġini illegali tal-proprjetà jitqiesu li huma stabbiliti jekk, matul il-produzzjoni tal-provi, ikun hemm raġunijiet sabiex jitqies li l-proprjetà probabbilment għandha oriġini kriminali u mhux oriġini legali.

15 L-Artikolu 125(3) ta' din il-liġi jipprevedi li l-proprjetà li kienet is-suġġett ta' ħasil tal-flus għandha titqies bħala li ġiet akkwistata illegalment jekk il-persuna involuta fi proċeduri kriminali ma tkunx f'pożizzjoni li tipprovdi spjegazzjoni kredibbli dwar l-oriġini legali tal-proprjetà u jekk il-provi kollha jippermettu lill-persuna responsabbli mill-proċeduri tippreżumi li probabbilment din il-proprjetà għandha oriġini illegali.

16 L-Artikolu 126(3^1) tal-imsemmija liġi jipprovdi:

"Jekk il-persuna involuta fi proċeduri kriminali tallega li l-proprjetà ma tistax titqies li ġiet akkwistata illegalment, hija għandha turi l-legalità tal-oriġini tal-proprjetà. Fin-nuqqas li tipprovdi informazzjoni affidabbli dwar il-legalità tal-oriġini tal-proprjetà fit-terminu mogħti, hija tiġi rrifjutata l-possibbiltà li tikseb kumpens għad-dannu kkawżat mir-restrizzjonijiet imposti fuq l-użu ta' din il-proprjetà fil-kuntest tal-proċeduri kriminali."

17 L-Artikolu 626(1) tal-istess liġi jipprevedi:

"L-investigatur, bi qbil mal-prosekutur responsabbli mit-tmexxija tal-investigazzjoni, jew il-prosekutur jista', fl-interess tas-soluzzjoni rapida tal-kwistjonijiet patrimonjali mqajma matul il-fażi preliminari tal-proċeduri kriminali u fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju, jissepara mill-proċess kriminali l-elementi relatati mal-proprjetà akkwistata illegalment u jressaq l-akkużi jekk jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

1) il-provi kollha jissuġġerixxu li l-proprjetà rtirata jew maqbuda ġiet akkwistata illegalment jew hija relatata ma' reat kriminali;

2) li l-każ kriminali jitressaq quddiem il-qrati fil-futur prevedibbli (f'terminu raġonevoli) huwa, għal raġunijiet oġġettivi, impossibbli jew jista' jinvolvi spejjeż kbar [u] mhux iġġustifikati."

18 L-Artikolu 627(1) sa (5) tal-Liġi dwar il-Proċeduri Kriminali jistabbilixxi:

"(1) Fil-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 626 ta' din il-liġi, il-persuna responsabbli mill-proċedura għandha tieħu d-deċiżjoni li jsiru l-akkużi għall-akkwist illegali ta' proprjetà u li tibgħat lill-qorti l-elementi li jikkonċernaw il-proprjetà akkwistata illegalment.

(2) Fid-deċiżjoni tagħha, il-persuna responsabbli mill-proċedura għandha tindika:

1) l-informazzjoni dwar il-fatti ta' natura li jistgħu jistabbilixxu r-rabta bejn il-proprjetà u r-reat kriminali jew l-oriġini illegali tal-proprjetà, kif ukoll l-elementi li jkunu ġew isseparati mill-proċess f'kawża kriminali li tkun għaddejja b'rabta mal-akkwist illegali tal-proprjetà;

2) il-persuni li għandhom rabta mal-proprjetà;

3) il-miżuri li tipproponi fir-rigward tal-proprjetà akkwistata illegalment;

4) il-vittma, fejn applikabbli.

(3) Id-deċiżjoni u l-atti mehmuża għandhom jintbagħtu lir-rajona (pilsētas) tiesa (il-Qorti Distrettwali).

(4) L-elementi tal-proċess fil-qasam tal-proprjetà akkwistata illegalment huma koperti mis-sigriet istruttorju u jistgħu jiġu kkonsultati mill-persuna responsabbli mill-proċedura, mill-prosekutur u mill-qorti adita bil-kawża. Il-persuni msemmija fl-Artikolu 628 ta' din il-liġi jistgħu jikkonsultaw l-elementi tal-proċess bl-awtorizzazzjoni tal-persuna responsabbli mill-proċedura u sa fejn din tiddetermina dan.

(5) Id-deċiżjoni tal-persuna responsabbli mill-proċedura li tiċħad it-talba għal aċċess għall-elementi tal-proċess tista' tkun is-suġġett ta' rikors quddiem ir-rajona (pilsētas) tiesa (il-Qorti Distrettwali) li hija mitluba tiddeċiedi f'kawża dwar proprjetà akkwistata illegalment. Il-qorti għandha tiddeċiedi jekk tilqax jew tiċħadx ir-rikors kollu jew parti minnu. Id-deċiżjoni ma tistax tiġi appellata. Sabiex il-qorti tkun tista' tiddeċiedi jekk l-aċċess għall-elementi tal-proċess jippreġudikax id-drittijiet fundamentali tal-individwi, l-interess pubbliku jew it-twettiq tal-għan tal-proċeduri kriminali, hija tista' titlob u tikkonsulta l-proċess kriminali."

19 Skont l-Artikolu 628 ta' din il-liġi:

"Il-persuna responsabbli mill-proċedura għandha tibgħat immedjatament kopja tad-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 627 ta' din il-liġi lill-persuna ssuspettata jew akkużata u lill-persuna li l-proprjetà tagħha tkun ġiet irtirata jew maqbuda, jekk dawn il-persuni jkunu s-suġġett tal-proċeduri kriminali kkonċernati, jew lil persuna oħra li jkollha d-dritt għall-proprjetà fuq il-proprjetà inkwistjoni […]"

20 Il-Liġi tas-7 ta' Ottubru 2021 (*Latvijas Vēstnesis*, 2021, Nru 202) ħassret, mit-2 ta' Novembru 2021, il-kliem "persuna ssuspettata jew akkużata u" mill-Artikolu 628 tal-Liġi dwar il-Proċeduri Kriminali.

21 Skont l-Artikolu 630 tal-Liġi dwar il-Proċeduri Kriminali:

"(1) Waqt l-eżami tal-elementi li jikkonċernaw il-proprjetà akkwistata illegalment, l-imħallef għandu jiddeċiedi:

1) jekk il-proprjetà tkunx ġiet akkwistata b'mod illegali jew jekk tkunx marbuta ma' reat kriminali;

2) jekk teżistix informazzjoni dwar il-proprjetarju jew id-detentur leġittimu tal-proprjetà;

3) jekk persuna għandhiex dritt leġittimu fuq il-proprjetà;

4) miżuri relatati mal-proprjetà akkwistata illegalment.

(2) Jekk il-qorti tikkonstata li r-rabta bejn il-proprjetà u r-reat kriminali ma kinitx ġiet stabbilita jew li l-proprjetà ma għandhiex oriġini illegali, hija għandha tieħu deċiżjoni li ttemm il-proċedura dwar l-akkwist illegali tal-proprjetà."

22 L-Artikolu 631 tal-Liġi dwar il-Proċeduri Kriminali jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li "[i]d-deċiżjoni tal-qorti tista' tkun is-suġġett ta' appell fi żmien 10 t'ijiem quddiem l-apgabaltiesa (il-Qorti Reġjonali)" u jipprovdi, fil-paragrafu 3 tiegħu, li, "[w]ara eżami tal-appell, il-qorti tista' tannulla d-deċiżjoni tar-rajona (pilsētas) tiesa (il-Qorti Distrettwali) u tadotta deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 630 ta' din il-liġi", fejn din l-aħħar deċiżjoni "ma tistax tiġi appellata".

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

Il-Kawża C-767/22

23 Fondi, strumenti finanzjarji u proprjetajiet immobbli li jappartjenu lil 1Dream, lil DS, lil DL, lil VS u lil JG kienu ġew maqbuda fil-kuntest ta' proċeduri kriminali miftuħa matul is-snin 2019 u 2020, prinċipalment minħabba ħasil tal-flus fuq skala kbira tar-rikavat minn attività kriminali.

24 Dawn il-proċeduri kriminali kienu għadhom fl-istadju tal-investigazzjoni, fid-data tat-tressiq tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

25 Bejn it-12 ta' Marzu 2021 u l-21 ta' Frar 2022, il-persuna responsabbli għall-imsemmija proċeduri bdiet proċeduri fil-qasam ta' proprjetà akkwistata illegalment fir-rigward ta' dawn il-fondi, strumenti finanzjarji u proprjetajiet immobbli. Għal dan l-għan, hija bagħtet il-proċessi ta' dawn l-istess proċeduri quddiem il qrati li kellhom ġurisdizzjoni.

26 Fir-rigward b'mod partikolari tal-fondi li jappartjenu lil 1Dream, ir-Rīgas apgabaltiesas Krimināllietu tiesas kolēģija (il-Qorti Reġjonali ta' Riga, Kulleġġ Kriminali, il-Latvja) iddeċidiet fl-appell, fis-7 ta' Ottubru 2021, li l-fondi ta' 1Dream kienu ġew akkwistati illegalment. B'konsegwenza, din il-qorti ddeċidiet li tikkonfiskahom u li tittrasferixxihom lill-baġit tal-Istat. Il-proċeduri relatati mal-assi ta' DS, ta' DL, ta' VS u ta' JG ġew sospiżi.

27 Fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri fil-qasam tal-proprjetà akkwistata illegalment, 1Dream, DS, DL, VS u JG kienu talbu lill-persuna responsabbli mill-proċedura, abbażi tal-Artikolu 627(4) tal-Liġi dwar il-Proċeduri Kriminali, sabiex ikollhom aċċess għall-elementi tal-proċess. Peress li din il-persuna responsabbli laqgħet biss parzjalment it-talbiet tagħhom, dawn il-persuni ppreżentaw rikors kontra d-deċiżjonijiet tagħha.

28 Peress li qiesu li s-sistema prevista fl-Artikolu 627(4) u (5) tal-Liġi dwar il-Proċeduri Kriminali tqegħedhom f'pożizzjoni żvantaġġuża meta mqabbla mal-persuna responsabbli mill-proċedura, 1Dream, DS, DL, VS u JG ippreżentaw quddiem il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Latvja), li hija l-qorti tar-rinviju, rikorsi kostituzzjonali kontra dawn id-dispożizzjonijiet, billi invokaw in-nuqqas ta' konformità tal-imsemmija dispożizzjonijiet mad-dritt għal smigħ xieraq, kif stabbilit fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 92 tal-Kostituzzjoni Latvjana, moqri fid-dawl tad-Deċiżjoni Qafas 2005/212 u tad-Direttiva 2014/42.

29 Sabiex tiddeċiedi dwar dawn ir-rikorsi, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fl-ewwel lok, dwar l-applikabbiltà tad-Deċiżjoni Qafas 2005/212 u tad-Direttiva 2014/42 għall-proċedura fil-qasam ta' proprjetà akkwistata illegalment prevista fl-Artikolu 626(1) tal-Liġi dwar il-Proċeduri Kriminali.

30 Din il-qorti tippreċiża, f'dan ir-rigward, li r-reati akkużati fil-kuntest tal-proċeduri kriminali pendenti, li huma proċeduri distinti mill-proċedura fil-qasam ta' proprjetà akkwistata illegalment, jinsabu fost dawk imsemmija fl-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2005/212 u fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/42.

31 L-imsemmija qorti tirrileva wkoll li, b'differenza mill-kawżi li taw lok għas-sentenzi tad-19 ta' Marzu 2020, "Agro In 2001" (C-234/18, EU:C:2020:221), u tat-28 ta' Ottubru 2021, Komisia za protivodeystvie na koruptsiyata i za otnemane na nezakonno pridobitoto imushtestvo (C-319/19, EU:C:2021:883), il-proċedura fil-qasam tal-proprjetà akkwistata illegalment hija rregolata mir-regoli dwar il-proċeduri kriminali.

32 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/42 ikoprix il-konfiska ta' proprjetà f'ipoteżi fejn il-kundanna ma tistax issir għal raġunijiet oħra minbarra l-mard u l-ħarba tal-persuna ssuspettata jew akkużata.

33 Din il-qorti tippreċiża li l-proċedura fil-qasam ta' proprjetà akkwistata illegalment hija intiża sabiex tiżgura riżoluzzjoni malajr, effikaċi u ekonomika tal-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-oriġini legali tal-proprjetà jew ir-rabta tagħha ma' reat kriminali mqajma matul il-fażi preliminari tal-proċeduri kriminali. Il-konstatazzjoni li proprjetà kienet ġiet akkwistata illegalment issir mill-qorti qabel ma tiġi stabbilita l-eżistenza ta' reat kriminali jew qabel ma tingħata kundanna. Barra minn hekk, din il-konstatazzjoni ma tikkorrispondix għall-konstatazzjoni ta' reat kriminali wieħed jew iktar.

34 Għalhekk, il-proċedura fil-qasam tal-proprjetà akkwistata illegalment tinbeda permezz ta' deċiżjoni tal-persuna responsabbli mill-proċedura billi jiġu sseparati mill-proċess tal-proċeduri kriminali l-elementi relatati mal-proprjetà suġġetta għall-proċedura fil-qasam tal-proprjetà akkwistata illegalment meta din il-persuna responsabbli tqis, minn naħa, li l-provi kollha jwasslu sabiex wieħed jemmen li din il-proprjetà kienet ġiet akkwistata illegalment jew hija marbuta ma' reat kriminali u, min-naħa l-oħra, li l-fatt li l-kawża titressaq quddiem il-qrati fil-futur prevedibbli jew f'terminu raġonevoli huwa, għal raġunijiet oġġettivi, impossibbli jew jista' jwassal għal spejjeż kbar u mhux iġġustifikati.

35 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-persuna responsabbli mill-proċedura tista' tiddeċiedi li tadixxi qorti, li tiddetermina għalhekk biss jekk il-proprjetà kinitx ġiet akkwistata b'mod illegali jew jekk hijiex marbuta ma' reat kriminali. Ladarba l-qorti adita tiddeċiedi dwar din il-kwistjoni, din titqies li ġiet deċiża b'mod definittiv u ma tkunx iktar ittrattata fil-kuntest tal-proċeduri kriminali li matulhom ikunu nbdew il-proċedura fil-qasam tal-proprjetà akkwistata illegalment.

36 Kieku d-Deċiżjoni Qafas 2005/212 jew id-Direttiva 2014/42 kellhom jitqiesu bħala li huma applikabbli f'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fit-tieni lok, dwar il-portata tad-dritt ta' aċċess ta' persuna li l-proprjetà tagħha hija suġġetta għall-proċedura fil-qasam tal-proprjetà akkwistata illegalment għall-proċess tagħha u, jekk ikun il-każ, dwar il-possibbiltà li jinżammu *ratione temporis* l-effetti tad-dispożizzjonijiet li hija tqis inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

37 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Leġiżlazzjoni nazzjonali li abbażi tagħha qorti nazzjonali tiddeċiedi dwar il-konfiska ta' oġġetti miksuba illegalment fi proċedura separata relatata ma' tali oġġetti miksuba illegalment, li tiġi sseparata mill-proċedura kriminali prinċipali qabel ma jiġi aċċertat li twettaq reat u qabel ma persuna tiġi ddikjarata ħatja ta' dan ir-reat, u li tipprevedi anki l-konfiska abbażi ta' dokumentazzjoni separata mill-fajl tal-investigazzjoni tal-proċedura kriminali [elementi separati tal-proċess kriminali] taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva [2014/42], b'mod partikolari tal-Artikolu 4 tagħha, u tad-Deċiżjoni Qafas [2005/212], b'mod partikolari tal-Artikolu 2 tagħha?

2) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda, il-leġiżlazzjoni dwar l-aċċess għad-dokumentazzjoni dwar l-investigazzjoni [proċess] fil-proċedura dwar l-oġġetti miksuba illegalment għandha titqies konformi mad-dritt għal proċess ekwu [dritt għal smigħ xieraq] sanċit fl-Artikolu 47 tal-[Karta] u fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2014/42?

3) Il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi qorti kostituzzjonali ta' Stat Membru, adita b'rikors kostituzzjonali mibdi kontra leġiżlazzjoni nazzjonali ddikjarata inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, milli tiddikjara li huwa applikabbli l-prinċipju ta' ċertezza legali u li l-effetti ġuridiċi ta' tali leġiżlazzjoni għandhom jinżammu għall-perijodu ta' validità ta' din tal-aħħar?"

Il-Kawża C-49/23

38 Proprjetajiet immobbli li jappartjenu lil AZ kif ukoll fondi li jappartjenu lil 1Dream, lil Produktech Engineering, lil BBP u lil Polaris Consulting ġew maqbuda fil-kuntest ta' proċeduri kriminali miftuħa matul is-snin 2012 sa 2020, minħabba ħasil tal-flus fuq skala kbira tar-rikavat minn attività kriminali.

39 Dawn il-proċeduri kriminali kienu għadhom fl-istadju tal-investigazzjoni, fid-data tat-tressiq tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

40 Bejn id-9 ta' April u t-8 ta' Ġunju 2021, il-persuna responsabbli mill-imsemmija proċeduri bdiet proċeduri fil-qasam ta' proprjetà akkwistata illegalment fir-rigward ta' dawn il-proprjetajiet immobbli u ta' dawn il-fondi. Għal dan l-għan, hija bagħtet il-proċessi ta' dawn l-istess proċeduri lill-qrati li kellhom ġurisdizzjoni.

41 Fir-rigward tal-proprjetajiet immobbli li jappartjenu lil AZ kif ukoll tal-fondi li jappartjenu lil 1Dream, lil Produktech Engineering u lil BBP, dawn il-qrati qiesu li dawn ma kinux ġew akkwistati illegalment u għalqet il-proċeduri. Fir-rigward tal-fondi li jappartjenu lil Polaris Consulting, il-qorti fil-ġurisdizzjoni tagħha ddeċidiet li parti minnhom kienet ġiet akkwistata illegalment. Din il-qorti ddikjarat dwarhom il-konfiska favur l-Istat u għalqet il-proċedura għall-kumplament tal-proprjetajiet.

42 Adita b'rikors kontra dawn id-deċiżjonijiet, ir-Rīgas apgabaltiesas Krimināllietu tiesas kolēģija (il-Qorti Reġjonali ta' Riga, Kulleġġ Kriminali), bejn it-22 ta' Lulju u d-19 ta' Ottubru 2021, qieset li l-proprjetajiet immobbli kollha u l-fondi kollha inkwistjoni fil-kawża prinċipali, inklużi dawk ta' Polaris Consulting li ma kinux għadhom ġew ikkonfiskati, kienu ġew akkwistati illegalment. Għalhekk, dawn l-assi ġew ikkonfiskati u ttrasferiti lill-baġit tal-Istat.

43 Peress li d-deċiżjonijiet tar-Rīgas apgabaltiesas Krimināllietu tiesas kolēģija (il-Qorti Reġjonali ta' Riga, Kulleġġ Kriminali) ma jistgħux jiġu appellati konformement mal-Artikolu 631(3) tal-Liġi dwar il-Proċeduri Kriminali, AZ, 1Dream, Produktech Engineering, BBP u Polaris Consulting ippreżentaw quddiem il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali), li hija l-qorti tar-rinviju, rikorsi kostituzzjonali billi invokaw in-nuqqas ta' konformità tad-dispożizzjonijiet li jipprekludu tali applikazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, kif stabbilit fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 92 tal-Kostituzzjoni Latvjana, moqrija fid-dawl tad-Deċiżjoni Qafas 2005/212 u tad-Direttiva 2014/42.

44 Sabiex tiddeċiedi dwar dawn ir-rikorsi, il-qorti tar-rinviju tagħmel, fl-ewwel lok, mistoqsijiet dwar l-applikabbiltà tad-Deċiżjoni Qafas 2005/212 u tad-Direttiva 2014/42 fl-istess termini bħal dawk miġbura fil-qosor fil-punti 29 sa 35 ta' din is-sentenza.

45 Jekk din id-deċiżjoni qafas jew din id-direttiva kellhom jitqiesu bħala li huma applikabbli f'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tqis li, fit-tieni lok, għandu jiġi ddeterminat jekk l-Artikolu 47 tal-Karta u l-Artikolu 8(6) tal-imsemmija direttiva jeżiġux li jiġi ggarantit dritt għal azzjoni legali kontra deċiżjoni ta' konfiska adottata għall-ewwel darba fl-appell u, jekk ikun il-każ, li tiġi mistħarrġa l-possibbiltà li jinżammu *ratione temporis* l-effetti tad-dispożizzjonijiet li hija tqis inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

46 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Leġiżlazzjoni nazzjonali li abbażi tagħha qorti nazzjonali tiddeċiedi fuq il-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali fi proċeduri separati dwar l-oġġetti miksuba illegalment, li jkunu separati mill-proċeduri kriminali prinċipali qabel ma jiġi kkonstatat it-twettiq ta' reat kriminali u qabel ma persuna tkun instabet ħatja tar-reat, u li tipprevedi wkoll il-konfiska abbażi ta' elementi meħuda mill-proċess kriminali, taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-[Direttiva 2014/42], b'mod partikolari tal-Artikolu 4 tagħha, u taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas [2005/212], b'mod partikolari tal-Artikolu 2 tagħha?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, il-kunċett ta' 'ordni ta' konfiska' fis-sens tad-Direttiva 2014/42, b'mod partikolari tat-tieni sentenza tal-Artikolu 8(6) tagħha, jinkludi mhux biss dawk id-deċiżjonijiet ġuridiċi li permezz tagħhom jiġi ddikjarat li l-oġġetti nkisbu illegalment u tiġi ordnata l-konfiska tagħhom iżda wkoll dawk li permezz tagħhom jintemmu l-proċeduri dwar l-oġġetti miksuba illegalment?

3) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għat-tieni domanda, leġiżlazzjoni li ma tipprevedix id-dritt tal-persuni li jkollhom rabta mal-oġġetti li jippreżentaw rikors kontra l-ordnijiet ta' konfiska hija kompatibbli mal-Artikolu 47 tal-[Karta] u mat-tieni sentenza tal-Artikolu 8(6) tad-Direttiva 2014/42?

4) Il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-qorti kostituzzjonali ta' Stat Membru, adita b'rikors għal dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kostituzzjonalità ppreżentat kontra leġiżlazzjoni nazzjonali ddikjarata bħala inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, tiddikjara li l-prinċipju ta' ċertezza legali huwa applikabbli u li l-effetti ġuridiċi tal-imsemmija leġiżlazzjoni għandhom jinżammu b'mod temporanju sal-mument stabbilit fid-deċiżjoni tal-imsemmija qorti bħala l-mument li fih d-dispożizzjoni kkontestata għandha tieqaf tipproduċi effetti?"

Il-Kawża C-161/23

47 Fondi u proprjetajiet immobbli li jappartjenu lil VL, lil ZS, lil Lireva Investments, lil VI u lil FORTRESS FINANCE ġew maqbuda fil-kuntest ta' proċeduri kriminali miftuħa minħabba ħasil tal-flus fuq skala kbira tar-rikavat minn attività kriminali.

48 Dawn il-proċeduri kriminali kienu għadhom fl-istadju tal-investigazzjoni, fid-data tat-tressiq tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

49 Sussegwentement, il-persuna responsabbli mill-imsemmija proċeduri bdiet proċeduri fil-qasam ta' proprjetà akkwistata illegalment fir-rigward ta' dawn il-fondi u ta' dawn il-proprjetajiet immobbli. Għal dan l-għan, hija bagħtet il-proċessi ta' dawn l-istess proċeduri lill-qrati li kellhom ġurisdizzjoni.

50 Fil-kuntest tal-imsemmija proċeduri, VL, ZS, Lireva Investments, VI u FORTRESS FINANCE pprovdew kemm lil din il-persuna responsabbli kif ukoll lill-qrati aditi informazzjoni dwar il-legalità tal-oriġini tal-assi tagħhom. Permezz ta' deċiżjonijiet definittivi mogħtija fil-proċeduri kollha fil-qasam tal-proprjetà akkwistata illegalment, l-imsemmija qrati kkonstataw li l-fondi u l-proprjetajiet immobbli inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienu ġew akkwistati illegalment. Dawn il-fondi u dawn il-proprjetajiet immobbli għalhekk ġew ikkonfiskati u ttrasferiti lill-baġit tal-Istat.

51 Peress li qiesu li r-regoli dwar il-prova previsti fl-Artikolu 124(6), fl-Artikolu 125(3) u fl-Artikolu 126(3[1]) tal-Liġi dwar il-Proċeduri Kriminali ma jiggarantixxux opportunitajiet ugwali għall-partijiet fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri u jippreġudikaw il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza, VL, ZS, Lireva Investments, VI u FORTRESS FINANCE ppreżentaw quddiem il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali), li hija l-qorti tar-rinviju, rikorsi Kostituzzjonali kontra dawn ir-regoli, billi invokaw in-nuqqas ta' konformità tagħhom mad-dritt għal smigħ xieraq u mal-preżunzjoni tal-innoċenza, kif stabbilit fl-ewwel u fit-tieni sentenza tal-Artikolu 92 tal-Kostituzzjoni Latvjana, moqrija fid-dawl tad-Direttiva Qafas 2005/212 u tad-Direttiva 2014/42.

52 Sabiex tiddeċiedi dwar dawn ir-rikorsi, il-qorti tar-rinviju tagħmel, fl-ewwel lok, mistoqsijiet dwar l-applikabbiltà tad-Deċiżjoni Qafas 2005/212 u tad-Direttiva 2014/42 fl-istess termini bħal dawk miġbura fil-qosor fil-punti 29 sa 35 ta' din is-sentenza.

53 Jekk din id-deċiżjoni qafas jew din id-direttiva kellhom jitqiesu bħala li huma applikabbli f'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tqis li, fit-tieni lok, għandu jiġi stabbilit jekk ir-regoli dwar il-provi li japplikaw għall-proċedura fil-qasam tal-proprjetà akkwistata illegalment humiex kompatibbli mad-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta kif ukoll ma' dawk previsti fl-Artikolu 8(1) ta' din id-direttiva u, jekk ikun il-każ, li tistaqsi dwar il-possibbiltà li jinżammu *ratione temporis* l-effetti tad-dispożizzjonijiet li hija tqis inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

54 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Leġiżlazzjoni nazzjonali li abbażi tagħha qorti nazzjonali tiddeċiedi dwar il-konfiska ta' beni miksuba illegalment fil-kuntest ta' proċeduri separati relatati ma' tali beni, li huma separati mill-proċeduri kriminali prinċipali, qabel ma tkun ġiet stabbilita l-eżistenza ta' reat kriminali u qabel ma xi persuna tkun instabet ħatja ta' dan ir-reat, u li tipprovdi wkoll għall-konfiska abbażi ta' elementi misluta mill-proċess kriminali, tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tad-[Direttiva 2014/42], b'mod partikolari tal-Artikolu 4 tagħha, u tad-[Deċiżjoni Qafas 2005/212], b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, leġiżlazzjoni nazzjonali li tirregola l-prova tal-oriġini illegali ta' beni fil-kuntest ta' proċeduri dwar beni miksuba illegalment, bħal dik stabbilita mid-dispożizzjonijiet ikkontestati, għandha titqies li hija kompatibbli mad-dritt għal smigħ xieraq stabbilit fl-Artikoli 47 u 48 tal-[Karta] u fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2014/42?

3) Il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-qorti kostituzzjonali ta' Stat Membru, adita b'rikors kostituzzjonali kontra leġiżlazzjoni nazzjonali li tirriżulta inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, tiddeċiedi li tapplika l-prinċipju ta' ċertezza legali u li żżomm l-effetti legali ta' din il-leġiżlazzjoni matul il-perijodu ta' validità tagħha?"

55 Minħabba r-rabta bejn il-Kawżi C-767/22, C-49/23 u C-161/23, dawn għandhom jingħaqdu għall-finijiet tas-sentenza.

Il-fatti li seħħew wara t-talbiet għal deċiżjoni preliminari

56 Sussegwentement għall-introduzzjoni ta' dawn it-talbiet għal deċiżjoni preliminari, VL ressaq talba quddiem il-qorti tar-rinviju intiża sabiex tippreċiża jew tikkompleta d-domandi preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja minħabba l-fatt li l-proċeduri kriminali, li minnhom il-proċedura li kienet wasslet għall-konfiska tal-proprjetajiet tiegħu kienet ġiet isseparata, kienu ngħalqu mingħajr ma l-ħtija tiegħu kienet ġiet irrikonoxxuta.

57 Permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Awwissu 2024, ikkomunikata lir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja fid-9 ta' Settembru 2024, il-qorti tar-rinviju ċaħdet din it-talba. Fil-fatt hija fakkret li kienet diġà indikat lill-Qorti tal-Ġustizzja li l-proċedura fil-qasam ta' proprjetà akkwistata illegalment hija awtonomi u distinta mill-proċeduri kriminali fis-sens li l-ewwel proċedura ma tiddependix mir-riżultat tat-tieni proċeduri. Għalhekk, skont din id-deċiżjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ġiet informata li l-proċedura fil-qasam ta' proprjetà akkwistata illegalment jistgħu jwasslu għal konfiska filwaqt li l-proċeduri kriminali jistgħu sussegwentement jingħalqu minħabba l-assenza ta' provi. Fl-aħħar nett, fl-imsemmija deċiżjoni, il-qorti tar-rinviju żiedet li ċ-ċirkustanzi invokati minn VL ma kinux jikkostitwixxu element ġdid.

Fuq it-talbiet għal ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura

58 B'atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja rispettivament fis-26 ta' Awwissu u fl-4 ta' Settembru 2024, JG u VL talbu l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura.

59 Insostenn ta' dawn it-talbiet, JG u VL isostnu li l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali jirrigwardaw elementi li ma ġewx ittrattati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u li jista' jkollhom effett sinjifikattiv fuq id-deċiżjoni li hija għandha tagħti f'dawn il-kawżi.

60 JG jirreferi, minn naħa, għal ċerti elementi, imressqa f'dawn il-konklużjonijiet sabiex tiġi interpretata t-tieni sentenza tal-Artikolu 8(6) tad-Direttiva 2014/42, li ma ġewx ittrattati bejn il-partijiet ikkonċernati. Min-naħa l-oħra, JG jirrileva li l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tista' taffettwa wkoll l-interpretazzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi (ĠU L, 2024/1260). Issa, l-adozzjoni ta' din id-direttiva, li saret sussegwentement għas-seduta, tikkostitwixxi element ġdid.

61 Fir-rigward ta' VL, dan jindika li l-proċeduri kriminali miftuħa kontrih ngħalqu mingħajr ma r-responsabbiltà tiegħu ġiet irrikonoxxuta. Skont VL, għandhom jiġu diskussi konsegwenzi legali li għandhom jinsiltu mill-fatt li l-proċeduri kriminali kontra l-awtur ta' reat kriminali jistgħu jingħalqu minkejja li konfiska ta' proprjetà tkun diġà ġiet ordnata fil-kuntest tal-proċedura fil-qasam ta' proprjetà akkwistata illegalment miftuħa matul l-imsemmija proċeduri kriminali.

62 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, konformement mal-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull ħin, wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, b'mod partikolari jekk tqis li ma għandhiex informazzjoni biżżejjed jew meta waħda mill-partijiet tippreżenta, wara l-għeluq ta' din il-fażi, fatt ġdid tali li jeżerċita influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, jew inkella meta l-kawża jkollha tiġi deċiża fuq il-bażi ta' argument li jkunx għadu ġie ttrattat.

63 Għandu jitfakkar ukoll li l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u r-Regoli tal-Proċedura ma jipprevedux il-possibbiltà, għall-partijiet, li jippreżentaw osservazzjonijiet bi tweġiba għall-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali (sentenza tal-31 ta' Jannar 2023, Puig Gordi *et*, C-158/21, EU:C:2023:57, punt 37 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

64 Min-naħa l-oħra, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 252 TFUE, l-Avukat Ġenerali għandu jippreżenta pubblikament, bl-ikbar imparzjalità u b'indipendenza sħiħa, konklużjonijiet motivati dwar il-kawżi li, konformement mal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jeħtieġu l-intervent tiegħu. Il-Qorti tal-Ġustizzja la hija marbuta b'dawn il-konklużjonijiet u lanqas bil-motivazzjoni li abbażi tagħha l-Avukat Ġenerali jasal għalihom. Konsegwentement, in-nuqqas ta' qbil ta' parti mal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ikunu liema jkunu l-kwistjonijiet li huwa jeżamina fihom, fih innifsu ma jistax jikkostitwixxi raġuni li tiġġustifika l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura (sentenza tal-31 ta' Jannar 2023, Puig Gordi *et*, C-158/21, EU:C:2023:57, punt 38 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

65 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li l-elementi invokati minn JG insostenn tat-talba tiegħu għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura ma jikkostitwixxux argumenti li ma kinux ġew ittrattati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u li abbażi tagħhom dawn il-kawżi għandhom jiġu deċiżi. B'mod partikolari, waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali, komuni għal dawn il-kawżi, li fiha pparteċipa JG, il-partijiet ikkonċernati setgħu jesponu l-punti ta' liġi li huma qiesu rilevanti sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tirrispondi għad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju, inkluż id-domanda li tirrigwarda l-interpretazzjoni tat-tieni sentenza tal-Artikolu 8(6) tad-Direttiva 2014/42. B'mod iktar preċiż, din id-dispożizzjoni kienet is-suġġett ta' mistoqsija tal-Qorti tal-Ġustizzja li għaliha dawn il-persuni kkonċernati kienu ġew mistiedna jwieġbu matul din is-seduta. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-argument ta' JG ibbażat fuq id-Direttiva 2024/1260, għandu jiġi rrilevat, qabelxejn, li din id-direttiva bl-ebda mod ma ssemmiet fit-talbiet għal

deċiżjoni preliminari. Minbarra dan, skont l-Artikolu 33 tagħha, it-terminu ta' traspożizzjoni tal-imsemmija direttiva kien ġie stabbilit għat-23 ta' Novembru 2026, b'mod li jekk ikun il-każ hija l-qorti tar-rinviju li għandha tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talba li tirreferi speċifikament għall-istess direttiva u r-rilevanza possibbli tad-dispożizzjonijiet tagħha.

66 Fir-rigward tal-elementi mressqa minn VL, għandu jiġi rrilevat, bħalma għamlet il-qorti tar-rinviju, li l-informazzjoni pprovduta minn din tal-aħħar kienet tinkludi, sa mit-tressiq tat-talba għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-161/23, iċ-ċirkustanza li l-proċeduri kriminali miftuħa kontra l-awturi preżunti ta' reat kriminali jistgħu jkomplu matul l-iżvolġiment tal-proċedura fil-qasam tal-proprjetà akkwistata illegalment u jwasslu għal għeluq mingħajr kundanna ta' dan l-awtur minkejja li l-proċedura relatati ma' din il-proprjetà tista' fil-frattemp twassal għal konfiska. Minn dan isegwi li l-persuni kkonċernati kellhom l-okkażjoni li jagħtu l-opinjoni tagħhom f'dan ir-rigward.

67 Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li hija għandha l-elementi neċessarji kollha sabiex tieħu deċiżjoni.

68 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li ma hemmx lok li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura.

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domandi fil-Kawżi C-767/22, C-49/23 u C-161/23

69 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tgħinha tiddeċiedi l-kawża li tkun adita biha. Minn din il-perspettiva, jekk ikun il-każ, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tirriformula d-domandi li jkunu sarulha, billi tislet mill-elementi kollha pprovduta mill-qorti tar-rinviju, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, il-punti ta' liġi tal-Unjoni li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tat-tilwima (sentenza tad-29 ta' Lulju 2024, CU u ND (Assistenza soċjali – Diskriminazzjoni indiretta), C-112/22 u C-223/22, EU:C:2024:636, punt 30 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

70 F'dan ir-rigward, mit-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' taħt ir-regoli nazzjonali tal-proċeduri kriminali u tipprevedi, fil-każ fejn proċeduri kriminali jitressqu kontra persuna għal reat kriminali iżda f'sitwazzjoni fejn il-fatt li titressaq kawża quddiem il-qrati fil-futur prevedibbli jirriżulta, għal raġunijiet oġġettivi, impossibbli jew jinvolvi spejjeż kbar u mhux iġġustifikati, il-possibbiltà li jinbdew proċeduri għall-akkwist illegali ta' proprjetà, li jistgħu jwasslu għall-konfiska ta' proprjetà. Skont din l-istess leġiżlazzjoni, il-konfiska tal-proprjetà tista' tiġi ddikjarata mill-qorti kompetenti meta jkun jidher li din il-proprjetà kienet ġiet akkwistata illegalment jew hija marbuta ma' reat kriminali. Madankollu, dawn il-proċedura ma għandhiex bħala għan il-konstatazzjoni tar-reat kriminali li permezz tiegħu il-proċeduri kriminali kienu ġew introdotti u hija indipendenti mill-konstatazzjoni ta' dan ir-reat kriminali mwettqa mill-qorti adita bl-imsemmija proċeduri kriminali.

71 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu għalhekk jitqies li, permezz tal-ewwel domandi tagħha fil-Kawżi C-767/22, C-49/23 u C-161/23, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-Deċiżjoni Qafas 2005/212 u d-Direttiva 2014/42 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn l-atti leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-possibbiltà, matul proċeduri kriminali intiżi sabiex jiġi vverifikat jekk persuna wettqitx reat kriminali, li tinbeda proċedura intiża, abbażi ta' elementi li jinsabu fil-proċess tal-proċeduri kriminali, għall-konfiska ta' proprjetà akkwistata illegalment, fil-każ fejn din il-proċedura ta' konfiska ma tirrigwardax il-konstatazzjoni ta' tali reat kriminali, u minkejja li ebda raġuni marbuta mal-mard jew mal-ħarba ta' din il-persuna ma tostakola d-dehra quddiem qorti tagħha.

72 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-Deċiżjoni Qafas 2005/212 u d-Direttiva 2014/42, li, konformement mal-Artikolu 14(1) tagħha, issostitwixxiet parzjalment id-dispożizzjonijiet ta' din id-deċiżjoni qafas, huma atti adottati fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Marzu 2020, "Agro In 2001", C-234/18, EU:C:2020:221, punti 52 u 53, kif ukoll tat-28 ta' Ottubru 2021, Komisia za protivodeystvie na koruptsiyata i za otnemane na nezakonno pridobitoto imushtestvo, C-319/19, EU:C:2021:883, punti 32 u 33).

73 Dawn l-atti jobbligaw lill-Istati Membri jistabbilixxu regoli minimi komuni għall-konfiska tal-mezzi strumentali u tar-rikavati b'rabta ma' reati kriminali, bl-għan, b'mod partikolari, li jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji ta' konfiska adottati fil-kuntest ta' proċeduri kriminali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Marzu 2020, "Agro In 2001" (C-234/18, EU:C:2020:221, punt 56), u tat-28 ta' Ottubru 2021, Komisia za protivodeystvie na koruptsiyata i za otnemane na nezakonno pridobitoto imushtestvo, C-319/19, EU:C:2021:883, punt 36).

74 Għal dan l-għan, l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2005/212 u l-Artikoli 4 sa 6 tad-Direttiva 2014/42 jirrikjedu lill-Istati Membri jipprevedu tali konfiska f'ċerti ipoteżi (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2021, Okrazhna prokuratura Varna, C-845/19 u C-863/19, EU:C:2021:864, punt 48).

75 Għandu jiġi rrilevat li din l-ipoteżi, kif tippreċiża l-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza, tippreżumi l-eżistenza ta' rabta bejn il-konfiska u reat kriminali. F'dan ir-rigward, il-kunċett ta' "konfiska" huwa ddefinit fil-punt 4 tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, bħala "ċaħda definittiva minn proprjetà ordnata minn qorti fir-rigward ta' reat kriminali".

76 Għalhekk, huwa biss fl-imsemmija ipoteżi li d-Deċiżjoni Qafas 2005/212 u d-Direttiva 2014/42 japplikaw. Tali delimitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva hija, barra minn hekk, ikkonfermata mill-premessa 13 tar-Regolament 2018/1805, li minnha jirriżulta li, b'differenza minn dan ir-regolament, id-deċiżjonijiet li jaqgħu taħt id-Direttiva 2014/42 ma humiex intiżi li jkopru d-deċiżjonijiet ta' konfiska kollha maħruġa fi tmiem proċedura b'rabta ma' reat kriminali.

77 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar, l-ewwel nett, li konformement mal-Artikolu 1(1) tagħha, moqri flimkien mal-premessi 5 u 22 tagħha, id-Direttiva 2014/42 tistabbilixxi regoli minimi dwar, b'mod partikolari, il-konfiska ta' proprjetà f'materji kriminali.

78 It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma taqax taħt regoli minimi stipulati mid-Deċiżjoni Qafas 2005/212 u mid-Direttiva 2014/42 leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-konfiska ta' mezzi strumentali u ta' rikavati provenjenti minn attivitajiet illegali li hija ordnata minn qorti ta' Stat

Membru fil-kuntest jew wara proċedura li ma tirrigwardax il-konstatazzjoni ta' reat kriminali wieħed jew iktar (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Marzu 2020, "Agro In 2001", C-234/18, EU:C:2020:221, punti 57 u 62; tat-28 ta' Ottubru 2021, Komisia za protivodeystvie na koruptsiyata i za otnemane na nezakonno pridobitoto imushtestvo, C-319/19, EU:C:2021:883, punti 37, 39 u 41, kif ukoll tad-9 ta' Marzu 2023, Otdel "Mitnichesko razsledvane i razuznavane", C-752/21, EU:C:2023:179, punt 40).

79 B'mod partikolari, ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn it-testi proċedura nazzjonali li, filwaqt li hija mibdija abbażi tal-informazzjoni li persuna hija akkużata li wettqet ċerti reati kriminali, hija intiża esklużivament sabiex tistabbilixxi jekk proprjetà kinitx ġiet akkwistata illegalment u titmexxa b'mod indipendenti minn eventwali proċeduri kriminali mibdija kontra l-awtur preżunt tar-reati kif ukoll mill-eżitu ta' tali proċeduri, b'mod partikolari l-eventwali kundanna tal-imsemmi awtur (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Marzu 2020, "Agro In 2001", C-234/18, EU:C:2020:221, punt 60, u tat-28 ta' Ottubru 2021, Komisia za protivodeystvie na koruptsiyata i za otnemane na nezakonno pridobitoto imushtestvo, C-319/19, EU:C:2021:883, punt 38).

80 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li ma jistgħux jitqiesu titqies bħala li hija huma rregolati mid-Deċiżjoni Qafas 2005/212 jew mid-Direttiva 2014/42 proċedura li, għalkemm prevista mir-regoli nazzjonali ta' proċeduri kriminali, hija intiża esklużivament sabiex tiddetermina jekk proprjetà nkisbitx illegalment abbażi tal-elementi tal-proċess estratti mill-proċeduri dwar il-konstatazzjoni ta' reat kriminali wieħed jew iktar imsemmija f'dawn l-atti, mingħajr ma l-qorti adita bil-proċedura ta' konfiska tkun awtorizzata, fil-kuntest tagħha, tikkonstata l-eżistenza ta' tali reat kriminali u mingħajr ma din il-konstatazzjoni sseħħ matul il-proċeduri li jirrigwardaw il-konstatazzjoni ta' reat kriminali wieħed jew iktar.

81 Fil-fatt, minn naħa, għalkemm il-fatt li proċedura ta' konfiska hija mfassla mir-regoli nazzjonali tal-proċeduri kriminali jista' jikkostitwixxi indizju tal-eżistenza ta' rabta neċessarja bejn il-proċedura ta' konfiska u l-konstatazzjoni ta' reat kriminali, dan ma huwiex determinanti waħdu sabiex jitqies li tali proċedura ta' konfiska taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2005/212 jew tad-Direttiva 2014/42.

82 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 4(2) ta' din id-direttiva ma jikkontestax l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2005/212 u tad-Direttiva 2014/42 ta' proċedura ta' konfiska intiża esklużivament sabiex jiġi ddeterminat jekk proprjetà kinitx ġiet akkwistata illegalment, mingħajr ma l-qorti adita tkun awtorizzata tikkonstata l-eżistenza ta' reat kriminali u fl-assenza ta' konstatazzjoni minn qabel ta' tali reat kriminali.

83 F'dan ir-rigward, din id-dispożizzjoni tipprevedi li, meta ma jkunx possibbli li ssir il-konfiska abbażi tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/42, jew tal-inqas meta din l-impossibbiltà tirriżulta minn marda jew mill-ħarba tal-persuna ssuspettata jew tal-persuna akkużata, l-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex tkun tista' ssir il-konfiska tal-mezzi strumentali jew tar-rikavati fil-każ fejn proċeduri kriminali jkunu nbdew rigward reat kriminali li jista' jagħti lok, direttament jew indirettament, għal vantaġġ ekonomiku u fejn l-imsemmija proċeduri setgħu jwasslu għal kundanna kriminali jekk il-persuna ssuspettata jew il-persuna akkużata kienet fil-pożizzjoni li titressaq quddiem qorti.

84 Hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 27 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-ipoteżijiet li fihom l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/42 jimponi fuq l-Istati Membri li jadottaw miżuri li jippermettu l-konfiska huma ddefiniti bil-kontra ta' dawk previsti fl-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva.

85 Fil-fatt, din l-aħħar dispożizzjoni tirrigwarda l-konfiska tal-mezzi strumentali u tar-rikavati li jappartjenu lill-persuna ssuspettata jew lill-persuna akkużata jew tal-proprjetà li l-valur tagħha jikkorrispondi għal dak ta' dawn il-mezzi strumentali jew ta' dawn ir-rikavati, li jintużaw għal jew jirriżultaw mir-reat kriminali li għalih ingħatat il-kundanna definittiva tal-persuna ssuspettata jew tal-persuna akkużata (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Ottubru 2021, Okrazhna prokuratura – Varna (C-845/19 u C-863/19, EU:C:2021:864, punt 55, kif ukoll tat-12 ta' Mejju 2022, RR u JG (Iffriżar tal-beni ta' terzi) (C-505/20, EU:C:2022:376, punt 50).

86 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/42 jirrigwarda, hekk kif jirriżulta mill-premessa 15 tagħha, il-każ fejn tali kundanna ma tkunx possibbli minħabba n-nuqqas ta' dehra tal-persuna ssuspettata jew tal-persuna akkużata f'ċerti ċirkustanzi, tal-inqas fil-każ ta' mard jew ta' ħarba ta' din il-persuna ssuspettata jew ta' din il-persuna, iżda fejn ikunu nbdew proċeduri kriminali fir-rigward ta' reat kriminali li jista' jagħti lok, direttament jew indirettament, għal vantaġġ ekonomiku u fejn l-imsemmija proċeduri setgħu jagħtu lok għal kundanna kriminali jekk l-imsemmija persuna ssuspettata jew l-imsemmija persuna kienet f'pożizzjoni li titressaq quddiem qorti.

87 Minn dan isegwi li l-konfiska prevista fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/42, filwaqt li tirreferi għal "mezzi strumentali" kif ukoll għal "rikavat", fis-sens tal-punti 1 u 3 tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, teħtieġ, indipendentement minn kull kundanna tal-awtur tar-reat kriminali, li l-materjalità ta' dan ir-reat kriminali tkun tista' tiġi evalwata mill-qorti li tordna l-konfiska.

88 Għaldaqstant, l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/42 ma jirrigwardax proċedura, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tippermetti li tinkiseb malajr konfiska iżda li ma għandhiex bħala għan il-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' reat kriminali.

89 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-ewwel domandi fil-Kawżi C-767/22, C-49/23 u C-161/23 għandhom jiġu risposti li d-Deċiżjoni Qafas 2005/212 u d-Direttiva 2014/42 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn l-atti leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-possibbiltà, matul proċeduri kriminali intiżi sabiex jiġi vverifikat jekk persuna wettqitx reat kriminali, li tinbeda proċedura intiża, abbażi ta' elementi li jinsabu fil-proċess tal-proċeduri kriminali, għall-konfiska ta' proprjetà akkwistata illegalment, fil-każ fejn din il-proċedura ta' konfiska ma tirrigwardax il-konstatazzjoni ta' tali reat kriminali, u minkejja li ebda raġuni marbuta mal-mard jew mal-ħarba ta' din il-persuna ma tostakola d-dehra quddiem qorti tagħha.

Fuq it-tieni u t-tielet domanda fil-Kawżi C-767/22, C-49/23 u C-161/23 kif ukoll fuq ir-raba' domanda fil-Kawża C-49/23

90 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domandi fil-Kawżi C-767/22, C-49/23 u C-161/23, ma hemmx lok li tingħata risposta għad-domandi l-oħra f'dawn il-kawżi, li saru lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ ta' risposta pożittiva għal dawn l-ewwel domandi, bla ħsara għall-konstatazzjoni min-naħa tal-qorti tar-rinviju tal-eventwali applikabbiltà għall-proċeduri fil-kawża prinċipali tad-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU 2012, L 142, p. 1), jew tad-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU 2016, L 65, p. 1).

Fuq l-ispejjeż

91 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Il-Kawżi C-767/22, C-49/23 u C-161/23 jingħaqdu għall-finijiet tas-sentenza.

2) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/212/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità u d-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn l-atti leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-possibbiltà, matul proċeduri kriminali intiżi sabiex jiġi vverifikat jekk persuna wettqitx reat kriminali, li tinbeda proċedura intiża, abbażi ta' elementi li jinsabu fil-proċess tal-proċeduri kriminali, għall-konfiska ta' proprjetà akkwistata illegalment, fil-każ fejn din il-proċedura ta' konfiska ma tirrigwardax il-konstatazzjoni ta' tali reat kriminali, u minkejja li ebda raġuni marbuta mal-mard jew mal-ħarba ta' din il-persuna ma tostakola d-dehra quddiem qorti tagħha.

Firem